**QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**Illum 29 ta' Novembru, 2019**

**Mandat Nru: 218/2019/3 AF**

**Ingrid Xuereb**

**vs**

**Peter k/a Pierre Xuereb f'ismu proprju u bhala direttur tas-socjetà X-Automobiles Limited (C-37405)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Ingrid Xuereb li permezz tieghu hija talbet lil din il-Qorti biex ma thallix lil zewgha Peter maghruf bhala Pierre Xuereb ibiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi ishma f'xi socjetà kummercjali jekk dawk l-ishma jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u b'mod partikolari l-ishma li ghandu fis-socjetà kummercjali X-Automobiles Limited (C-37405) kif ukoll tinibieh milli jippartecipa f'rijorganizazzjoni jew ristrutturar tas-socjetà fuq imsemmija li permezz taghhom isir tnaqqis fl-ishma tal-intimat jew b'xi mod jintilfu d-drittijiet li l-istess intimat igawdi

llum u tinibieh u lill-imsemmija socjetà milli tqassam jew jircievi b'xi mod 'dividend' jew somma mod iehor.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' Peter k/a Pierre Xuereb.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dan ir-rikors Ingrid Xuereb qed titlob lil Qorti zzomm lil zewgha milli jagixxi b'tali mod li jista' jippregudika l-jeddijiet taghha fuq is-socjetà X-Automobiles Limited liema socjetà giet inkorporata minn Peter Xuereb, flimkien ma' huh, meta l-istess Peter Xuereb kien digà mizzewweg, b'hekk tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

L-intimat jilqa' billi jsostni li t-talbiet fir-rikors mhumiex koperti bil-ligi. Huwa jsostni li f'kaz ta' firda japplika l-provvediment tal-Art. 876 li jaghti biss il-jedd li parti fiz-zwieg tinzamm milli tbiegh ishma f'socjetà. Il-Qorti ma taqbilx. Tqis li l-jedd moghti bil-fuq citat Art. 876 ma jippreludix lil parti fiz-zwieg milli tittenta tikkawtela l-jeddijiet taghha bil-mod generali li tipprovdi l-ligi fl-Art. 873. Il-Qorti tqis illi l-jeddijiet tar-rikorrenti jistghu jigu eluzi mhux biss bil-bejgh jew trasferiment tal-ishma fis-socjetà izda b'azzjonijiet varji ohra li jistghu jiehdu d-dirigenti tas-socjetà. Il-Qorti tqis li huwa car illi bl-Art. 876 il-legislatur sahhah id-dritt ta' parti fiz-zwieg li tikkawtela l-jeddijiet taghha. Ma eskludiex l-jedd tal-istess parti li tagixxi b'talba aktar wiesgha kif solitu isir minn kreditur estraneju.

L-intimat ikompli billi jsostni illi l-mandat mitlub ma jhallix lis-socjetà topera. Hawnhekk ukoll il-Qorti ma taqbilx. Dak li qed jintalab mhuwiex ser ifixkel is-socjetà fl-operat taghha. Il-Qorti tinnota illi ser jigi marbut ukoll it-tieni azzjonist tas-socjetà. Madanakollu dan ma jiggustifikax lil din il-Qorti ccahhad lir-rikorrenti mill-jedd li thares dak li effettivament huwa gid taghha wkoll.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti tqis li l-vot tal-ligi huwa sodisfatt.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ definittivament it-talba ta’ Ingrid Xuereb kif dedotta fir-rikors taghha u zzomm lil Peter k/a Pierre Xuereb milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b’titolu oneruz jew gratuwitu xi ishma f’xi socjetà kummercjali jekk dawk l-ishma jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u b’mod partikolari l-ishma li ghandu fis-socjetà kummercjali X-Automobiles Limited (C-37405) kif ukoll tinibieh milli jippartecipa f’rijorganizazzjoni jew ristrutturar tas-socjetà fuq imsemmija li permezz taghhom isir tnaqqis fl-ishma tal-intimat jew b’xi mod jintilfu d-drittijiet li l-istess intimat igawdi llum u tinibieh u lill-imsemmija socjetà milli tqassam jew jircievi b’xi mod ‘dividend’ jew somma mod iehor.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF